31989L0227

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tal-21 Marzu 1989

li temenda d-Direttivi 72/462/KEE u 77/99/KEE biex tieħu konsiderazzjoni ta' l-introduzzjoni ta' regoli dwar is-saħħa pubblika u dwar is-saħħa ta' l-annimali li għandhom jirregolaw l-importazzjoni ta' prodotti tal-laħam minn pajjiżi terzi.

(89/227/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 43 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni [1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [2],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali [3],

Billi l-Kunsill għamel arranġamenti dwar il-kummerċ intra-Komunitarju fi prodotti tal-laħam f'dak li jirrigwardja l-ħtiġiet tas-saħħa bid-Direttiva tiegħu 77/99/KEE [4], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 88/658/KEE [5];

Billi l-Kunsill kien għamel arranġamenti dwar il-kummerċ intra-Komunitarju fi prodotti tal-laħam f'dak li jirrigwarda s-saħħa ta' l-annimali bid-Direttiva 80/215/KEE [6], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 88/660/KEE [7];

Billi hemm bżonn għall-arranġamenti tal-Komunità applikabbli għall-importazzjonijiet ta' prodotti tal-laħam min pajjiżi terzi;

Billi, sakemm jidħlu fis-seħħ ir-regoli Komunitarji tas-saħħa pubblika dwar il-kummerċ f'laħam tat-tjur u tal-kaċċa, prodotti tal-laħam tat-tjur u tal-kaċċa għandhom ikunu eskluži mill-iskop ta' din id-Direttiva;

Billi f'dan il-qasam il-kondizzjonijiet tas-saħħa pubblika l-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li huma soġġetti għal l-Istati Membri li jawtoriżżaw l-importazzjoni ta' prodotti tal-laħam, għandhom ikunu stabbiliti;

Billi d-Direttiva 72/462/KEE [8], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 88/289/KEE [9], stabbiliet il-kondizzjonijiet applikabbli għal importazzjoni ta' laħam frisk minn ċerti pajjizi terzi jew partijiet minnhom; billi l-istess kriterji jistgħu jkunu applikati għal importazzjonijiet ta' prodotti tal-laħam;

Billi, ġeneralment, ir-regoli dwar is-saħħa pubblika u r-regoli tas-saħħa ta' l-annimali applikabbli għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terżi jridu jkunu minn ta' l-inqas ekwivalenti għal dawk stabbiliti fid-Direttivi 77/99/KEE u 80/215/KEE;

Billi għandu jkun stabbilit li l-laħam frisk intenzjonat għall-manifattura ta' prodotti tal-laħam għandu jiġi minn stabbilimenti approvati; billi dawn l-stabbilimenti għandhom jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 72/462/KEE;

Billi għandu jkun stabbilit li l-prodotti tal-laħam iridu jiġu minn stabbilimenti approvati; billi dawk l-istabbilimenti jridu jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 77/99/KEE;

Billi, biex tivverifika li d-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva ikunu osservati mill-pajjiż terz li jesporta, huwa meħtieġ li jkunu applikati għalihom ir-regoli ta' l-ispezzjoni stabbiliti fid-Direttiva 72/462/KEE u partikolarment is-sistema ta' l-ispezzjoni fuq il-post mill-esperti veterinarji tal-Komunità u l-ispezzjonijiet mal-wasla fit-territorju tal-Komunità;

---

[1] ĠU Ċ 286, 25.10.1984, p. 5.
[2] ĠU Ċ 175, 15.7.1985, p. 301.
[3] ĠU Ċ 87, 9.4.1985, p. 6.
[4] ĠU L 26, 31.1.1977, p. 85.
[5] ĠU L 382, 31.12.1988, p. 15.
[6] ĠU L 47, 21.2.1980, p. 4.
[7] ĠU L 382, 31.12.1988, p. 35.
[8] ĠU L 302, 31.12.1972, p. 28.
[9] ĠU L 124, 18.5.1988, p. 31.

Billi l-produzzjoni ta' ċertifikat tas-saħħa ta' l-annimali u ċ-ċertifikat tas-saħħa pubblika, imħejji minn veterinarju uffiċjali fil-pajjiż ta' l-esportazzjoni huwa l-aktar mezz xieraq biex tassigura li l-konsenja tal-prodotti tal-laħam tista' tkun aċċettata għall-importazzjoni,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva 72/462/KEE hija emendata kif ġej:

1. It-Titolu huwa mibdul b'dan li ġej:

"Direttiva tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 1972 dwar il-problemi tas-saħħa u ta' l-ispezzjoni veterinarji ma' l-importazzjoni ta' annimali ta' l-ifrat u majjali u laħam frisk jew prodotti tal-laħam minn pajjiżi terżi."

2. L-Artikoli 1 sa 4 huma mibdula b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

1. Din id-Direttiva tapplika għal importazzjonijiet minn pajjiżi terzi ta':

— annimali domestiċi ta' l-ifrat u majjali għat-trobbija, għall-produzzjoni jew għall-qatla,

— laħam frisk minn annimali domestiċi ta' dawn l-speċi: annimali ta' l-ifrat (inklużi l-bufli), majjali, nagħaġ u mogħoż u minn annimali ta' difer wieħed domestiċi,

— għal skopijiet ta' l-Artikolu 3, laħam frisk ta' l-annimali selvaġġi bid-difer maqsum tnejn u l-annimali selvaġġi bid-difer wieħed sakemm dan jikkonċerna l-importazzjoni minn ċertu pajjiżi terżi ta' l-oriġini,

— prodotti tal-laħam prodotti minn laħam frisk kif iddefinit fit-tieni inċiż, bl-eċċezzjoni ta' laħam frisk li hemm referenza dwaru fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 64/433/KEE u fid-disposizzjonijiet korrispondenti ta' l-Artikolu 20 tad-Direttiva 72/462/KEE.

2. Din id-Direttiva ma tapplikax għal:

(a) annimali intenzjonati esklużivament għall-iskopijiet tal-mergħat jew tat-tagħbija fuq bażi temporanja, fil-viċinanza tal-fruntieri tal-Komunità;

(b) laħam u prodotti tal-laħam apparti minn dawk li hemm referenza dwarhom fi (e) li jiffurmaw parti mill-bagalji personali ta' passiġġieri u intenzjonati għall-konsum personali tagħhom, sakemm dan l-ammont jew din il-kwantità ttrasportati ma jeċċedux aktar minn kilo kull persuna u basta li jiġu minn pajjiż terz jew parti minnu li jidher fuq il-lista mħejjija bi qbil ma' l-Artikolu 3 u li minnu l-importazzjoni mhix ipprojbita permezz ta' l-Artikolu 28;

(ċ) il-laħam u l-prodotti tal-laħam apparti dawk li hemm referenza dwarhom fi (e) mibgħuta bħala pakketti żgħar lil persuni privati, basta li dan il-laħam u l-prodotti tal-laħam ma jkunux importati bħala kummerċ, li l-kwantità ma teċċedix aktar minn kilo u li jiġu minn pajjiż terz jew parti minnu li jidher fuq il-lista mħejjija bi qbil ma' l-Artikolu 3 u li minnu l-importazzjoni mhix ipprojbita permezz ta' l-Artikolu 28;

(d) il-laħam u l-podotti tal-laħam għall-konsum mill-ekwipaġġ u l-passiġġieri abbord mezzi ta' trasport li joperaw internazzjonalment.

Meta dan il-laħam u l-prodotti tal-laħam jew il-fdalijiet tal-kċina jkunu maħtuta, għandhom ikunu meqruda. B'dana kollu, mhux meħtieġ li jkun meqrud il-laħam jew il-prodotti tal-laħam meta jkunu ttrasferiti, direttament jew wara li jitpoġġew proviżjonalment taħt is-sorvelljanza doganali, minn mezz tat-trasport għall-ieħor;

(e) meta l-kwanitajiet ta' mhux aktar minn kilo huma involuti, il-prodotti tal-laħam li jkunu għaddew minn trattament tas-sħana f'reċipjent ermetikament issiġillat għal valur Fo ta' 3,00 jew aktar:

(i) jiffurmaw parti mill-bagalji personali ta' vjaġġaturi u intenzjonati għal konsum personali tagħhom;

(ii) mibgħuta bħala pakketti żgħar lill-persuni privati, basta li dawn il-prodotti tal-laħam ma jkunux importati bħala kummerċ.

Artikolu 2

Għall-iskop ta' din id-Direttiva, id-definizzjonijiet mogħtija fl-Artikoli 2 tad-Direttivi 64/432/KEE, 64/433/KEE u fid-Direttiva tal-Kunsill 72/461/KEE tat-12 ta' Diċembru 1972 dwar il-problemi tas-saħħa u ta' l-ispezzjoni veterinarja ma' l-importazzjoni ta' l-annimali ta' l-ifrat u tal-majjali u laħam frisk minn pajjiżi terzi [1], dawn id-Direttivi kollha, kif l-aħħar emendati bid-Direttiva 87/489/KEE [2] u bid-Direttiva tal-Kunsill 77/99/KEE tal-21 ta' Diċembru 1976 dwar il-porblemi tas-saħħa li jaffettwaw il-kummerċ intra-Komunitarju fil-prodotti tal-laħam [3], kif l-aħħar emendati bid-Direttiva 88/658/KEE [4], għandhom ikunu japplikaw kif meħtieġ.

B'dana kollu, id-definizzjonijiet tal-laħam tat-tjur li jidhru fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 71/118/KEE m'għandhomx japplikaw għall-iskop ta' din id-Direttiva.

B'żieda,

(a) veterinarju uffiċjali' jfisser il-veterinarju nnominat mill-awtorità kompetenti ċentrali ta' l-Istat Membru jew ta' pajjiż terz;

(b) pajjiż tad-destinazzjoni' jfisser l-Istat Membru li lilu, jintbagħtu l-annimali, il-laħam frisk jew il-prodotti tal-laħam minn pajjiż terz;

(ċ) pajjiż terz' ifisser pajjiż li fih id-Direttivi 64/432/KEE, 64/433/KEE u 77/99/KEE ma humiex applikabbli;

[1] ĠU L 302, 31.12.1972, p. 24.
[2] ĠU L 280, 31.10.1987, p. 28.
[3] ĠU Nru L 26, 31.1.1977, p. 85.
[4] ĠU L 382, 31.12.1988, p. 15.

(d) 'importazzjoni' tfisser l-introduzzjoni fit-territorju tal-Komunità ta' annimali, laħam frisk jew prodotti tal-laħam minn pajjiżi terzi;

(e) 'qasam' ifisser impriża agrikola, industrijali jew kummerċjali uffiċjalment issorveljata li tinsab fit-territorju ta' pajjiż terz, li fih l-annimali għar-razza, l-produzzjoni jew għall-qatla jinżammu regolarment jew jitgħammru;

(f) 'żona epiżootikament ħielsa' tfisser żona li fiha, bi qbil mas-sejbiet uffiċjali, l-annimali ma jkunux soffrew minn xi mard kontaġġjuż jew infettuż fuq il-lista mħejjija bi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 29, għall-perjodu u f'radda definita bi qbil ma' l-istess proċedura.

Artikolu 3

1. IL-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jħejji lista tal-pajjiżi jew partijiet minnhom ta' minn fejn l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni:

— ta' annimali domestiċi ta' l-ifrat u majjal għat-tnissil, għall-produzzjoni jew għall-qatla,

— ta' laħam frisk minn annimali domestiċi ta' dawn l-speċje: annimali domestiċi ta' l-ifrat (inklużi l-bufli), majjal, nagħaġ u mogħoż, jew dawk ta' difer wieħed u prodotti tal-laħam immanifatturati minn jew b'dan il-laħam,

— ta' laħam frisk minn annimali selvaġġi bid-difer maqsum u annimali selvaġġi b'difer wieħed,

tieħu konsiderazzjoni tas-stiwazzjoni tas-saħħa f'dawk il-pajjiżi jew partijiet minnhom.

Din il-lista tista' tkun issupplimentata jew emendata bi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 30 b'mod partikolari rigward it-tħejjija ta' l-intestatura li tikkonċerna l-prodotti tal-laħam, b'referenza, fejn xieraq, għall-ispeċje ta' l-annimali u, fil-każ li hemm provvediment dwaru permezz ta' l-Artikolu 21a (2), għat-trattament meħtieġ.

2. Biex tiddeċiedi, fil-każ kemm ta' l-annimali ta' l-ifrat u l-majjal u l-laħam frisk u l-prodotti tal-laħam, kemm jekk pajjiż terz jew parti minnu jista' jidher fuq il-lista li hemm referenza dwaru fil-paragrafu 1, akkont għandu jittieħed partikolarment ta':

(a) l-istat tas-saħħa tal-bhejjem, annimali domestiċi oħrajn jew tal-ħajja ferjali fil-pajjiżi terzi, u tingħata attenzjoni partikolari għall-mard eżotiku ta' l-annimali u għas-sitwazzjoni tas-saħħa ambjentali f'dak il-pajjiż, li jista' jipperikola s-saħħa pubblika u ta' l-annimali fl-Istati Membri;

(b) ir-regolarità u rapidità ta' l-informazzjoni fornuta minn pajjiż terz dwar l-eżistenza ta' mard infettuż jew kontaġġjuż ta' l-annimali fit-territorju tagħhom, b'mod partikolari dawk il-mard imsemmi fil-Listi A u B ta' l-Uffiċċju Internazzjonali ta' Mard Epiżootiku;

(ċ) ir-regoli tal-pajjiż dwar prevenzjoni u l-kontroll tal-mard ta' l-annimali;

(d) l-istruttura tas-servizzi veterinarji fil-pajjiż u l-poteri tagħhom;

(e) l-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni ta' miżuri biex jipprevjenu u jikkontrollaw mard infettuż u kontaġġjuż ta' l-annimali;

(f) il-leġislazzjoni ta' dak il-pajjiż dwar l-użu ta' sustanzi, b'mod partikolari l-leġislazzjoni dwar il-projbizzjoni jew l-awtorizzazzjoni ta' sustanzi, id-distribuzzjoni tagħhom, rilaxx fis-suq u r-regoli li jkopru l-amministrazzjoni u l-ispezzjoni.

3. Għall-iskop li tiddeċiedi, fil-każ tal-prodotti tal-laħam, jekk pajjiż jew parti minnu jista' jidher fuq il-lista li hemm referenza dwarha fil-paragrafu 1, għandu jittieħed akkont ta', *inter alia*, il-garanziji pprovduti mill-pajjiż terz dwar is-saħħa pubblika u s-saħħa ta' l-annimali.

4. Il-lista li hemm referenza dwarha fil-paragrafu 1 u l-emendi kollha għaliha għandhom ikunu ppubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Artikolu 4

1. Bi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 29, għandha titħejja lista waħda jew aktar ta' l-istabbilimenti li minnhom l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni tal-laħam frisk jew tal-prodotti tal-laħam. Bi qbil mar-regoli ddettaljati ta' l-implimentazzjoni li għandhom ikunu stabbiliti mill-Kummissjoni permezz tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 30, il-lista jew listi jistgħu jkunu emendati jew issupplimentati mill-Kummissjoni skond ir-riżultat ta' l-ispezzjonijiet li hemm provvediment dwarhom fl-Artikolu 5, li preċedentament tkun infurmata lill-Istati Membri.

Fil-każ ta' diffikultajiet, il-materja tista' tkun irriferuta lill-Kumitat bi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 29.

Qabel l-1 ta' Jannar 1990, il-Kunsill għandu jirrevedi dawn id-disposizzjonijiet fuq il-bażi ta' rapport tal-Kummissjoni.

2. biex tiddeċiedi jekk il-biċċerija, l-impjant tat-tqattieħ jew l-istabbiliment involut fil-produzzjoni tal-prodotti tal-laħam jew maħżen tas-silġ li jinsab 'il barra mill-biċċerija jew mill-impjant tat-tqattigħ jew l-impjant tal-produzzjojni jistgħu jidhru fuq waħda mil-listi li hemm referenza dwarhom fil-paragrafu 1, għandu jittieħed akkont partikolari ta':

(a) il-garanziji li pajjiż terz jista' joffri fir-rigward tal-konformità ma' din id-Direttiva;

(b) ir-regolamenti tal-pajjiż terz rigward l-amministrazzjoni ta' l-annimali għal qatla ta' xi sustanza li tista' taffettwa l-bontà tal-laħam u/jew tal-prodotti tal-laħam;

(ċ) f'dak li jirrigwarda l-laħam frisk, il-konformità f'kull każ partikolari ma' din id-Direttiva u ma' l-Anness I tad-Direttiva 64/433/KEE.

B'dana kollu, derogi għandhom jitħallew, bi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 29 ta' din id-Direttiva, mit-tieni, it-tielet u r-raba' inċiż tal-paragrafu 13 (ċ), u tal-paragrafi 24 u 41 (ċ) ta' l-Anness I tad-Direttiva 64/433/KEE meta l-pajjiż terz ikkonċernat jipprovdi garanziji simili; f'dak il-każ, il-kondizzjonijiet tas-saħħa mhux anqas stretti minn dawk imposti f'dak l-Anness għandhom ikunu imposti fuq il-bażi ta' każ b'każ bi qbil ma' dik il-proċedura;

(d) fir-rigward ta' prodotti tal-laħam, konformità f'kull każ partikolari mad-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva u mad-disposizzjonijiet relevanti ta' l-Annessi A u B tad-Direttiva 77/99/KEE;

(e) l-organizzazzjonijiet tas-servizz ta' l-ispezzjoni tal-laħam jew tas-servizzi ta' pajjiż terz, il-poteri ta' dan is-servizz jew dawk is-servizzi u s-sorveljanza li għaliha hija jew huma soġġetti.

3. Il-biċċerija, l-impjant tat-tqattigħ, l-istabbiliment ingaġġat fil-produzzjoni ta' prodotti tal-laħam jew maħżen tas-silġ li jinstabu 'l barra minn biċċerija, post tat-tqattigħ jew impjant tal-produzzjoni ma jistgħux jidhru fuq il-lista jew il-listi li hemm provvediment dwarhom fil-paragrafu 1 sakemm ma jkunux jinstabu f'wieħed mill-pajjiżi jew mill-partijiet minnhom fuq il-lista li hemm referenza dwarha fl-Artikolu 3(1) u jekk tkun ġiet, b'żieda, uffiċjalment approvata għall-esportazzjonijiet lejn il-Komunità mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz. Din l-approvazzjoni għandha tkun soġġetta għall-osservanza ta' dawn il-ħtiġiet:

(a) konformità mad-disposizzjonijiet relevanti ta' l-Anness I tad-Direttiva 64/433/KEE jew rispettivament ma' l-Annessi A u B tad-Direttiva 77/99/KEE;

(b) sorveljanza kontinwa minn veterinarju uffiċjali tal-pajjiż terz.

4. Il-lista jew listi li hemm referenza dwarhom fil-paragrafu 1 u l-emendi kollha tagħhom għandhom ikunu ppubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*."

3. Is-subparagrafu li ġej huwa miżjud ma' l-Artikolu 19:

"L-ewwel subparagrafu għandu japplika *mutatis mutandis* għal prodotti tal-laħam."

4. Il-Kapitolu IV segwenti huwa mdaħħal wara l-Artikolu 21:

"KAPITOLU IV

Prodotti tal-laħam importati

Artikolu 21a

1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, il-prodotti tal-laħam jridu li jkunu ġew ippreparati kollha jew parzjalemnt minn laħam frisk:

— jissodisfaw il-ħtiġiet ta' l-Artikoli 14 u 15, u xi kondizzjonijiet speċifiċi tas-saħħa ta' l-annimali stabbiliti permezz ta' l-Artikolu 16, jew

— li joriġina fi Stat Membru, basta li dan il-laħam frisk:

(i) jissodisfa l-ħtiġiet ta' l-Artikoli 3 u 4 tad-Direttiva 80/215/KEE mingħajr preġudizzju għall-ħtiġiet ta' l-Artikoli 7 u 10 ta' dik id-Direttiva,

(ii) ikun intbagħat, taħt kontroll veterinarju, lejn stabbiliment ta' l-ipproċessar jew direttament jew wara ħażna preċedenti f'impjant approvat tal-ħażna tas-silġ,

(iii) kien, qabel l-ipproċessar, għadda minn spezzjoni minn veterinarju uffiċjali biex jassigura li dak il-laħam frisk ikun għadu tajjeb biex jgħaddi minn ipproċessar bi qbil mad-Direttiva 77/99/KEE.

2. B'dana kollu, l-Istati Membri ma jistgħux jirrifjutaw l-importazzjoni ta' prodotti tal-laħam minn pajjiż terz jew parti minnu li jidhru taħt l-intestatura "Prodotti tal-laħam fuq il-lista mħejjija bi qbil ma' l-Artikolu 3, iżda li minnu l-importazzjonijiet tal-laħam m'hijiex awtorizzata jew mhux aktar awtorizzata, basta li l-prodotti f'dan il-każ josservaw dawn il-ħtiġiet:

(i) għandhom jiġu minn stabbiliment li, waqt li diġà jissodisfa l-kondizzjonijiet ġenerali għall-approvazzjoni, ikunu ingħataw approvazzjoni speċjali għal dan it-tip ta' prodott;

(ii) għandhom ikunu nkisbu minn jew ma' laħam frisk kif iddefinit fil-paragrafu 1 jew minn laħam li ġej mill-pajjiż li jipproduċi li għandu:

— jissodisfa ċerti ħtiġiet tas-saħħa li għandhom ikunu stabbiliti f'kull każ individwali, fuq il-bażi tas-sitwazzjoni tas-saħħa tal-pajjiż li jipproduċi permezz tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 30,

— jiġu minn biċċerija li tkun speċifikament approvata għall-konsenja tal-laħam lejn l-istabbiliment li hemm referenza dwaru taħt (i),

— ikollu marka speċjali li għandha tkun speċifikata permezz tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 29;

(iii) iridu jkunu għaddew minn trattament ta' sħana f'reċipjent ermetikament issiġġillat b'valur Fo ta' 3,00 jew aktar.

B'dana kollu, permezz tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 29, tipi oħra tat-trattament jistgħu jitħallew fuq il-bażi tas-sitwazzjoni prevalenti tas-saħħa ta' l-annimali fil-pajjiż li jesporta.

Artikolu 21b

B'żieda mal-ħtiġiet stabbiliti fl-Artikolu 21a, il-prodotti tal-laħam li ġejjin minn pajjiżi terzi jistgħu biss ikunu importati fil-Komunità jekk jissodisfaw dawn il-ħtiġiet:

1. iridu jkunu miksuba minn stabbiliment li jidher taħt l-intestatura 'Prodotti tal-Laħam' fil-lista mħejjija permezz ta' l-Artikolu 4;

2. għandhom jiġu minn stabbiliment li jilħaq il-ħtiġiet relevanti ta' l-Anness A u B tad-Direttiva 77/99/KEE;

3. għandhom ikunu miksuba f'kondizzjonijiet ta' iġjene li jissodisfaw il-ħtiġiet tal-Kapitolu II u l-punti 23 u 25 tal-Kapitolu III ta' l-Anness A tad-Direttiva 77/99/KEE;

4. jridu li kienu miksuba totalment minn:

   (a) laħam frisk:

      (i) minn stabbiliment li jidher fuq waħda mil-listi mħejjija permezz tad-Direttiva 64/433/KEE jew ta' din id-Direttiva;

      (iii) li jissodisfaw il-ħtiġiet ta' l-Artikoli 17 u 18 ta' din id-Direttiva, u, b'żieda, josservaw il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punti 23 u 25 tal-Kapitolu III ta' l-Anness A tad-Direttiva 77/99/KEE;

   (b) meta jkun japplika l-Artikolu 21a (2), minn laħam li jissodisfa l-ħtiġiet speċifiċi stabbiliti għall-pajjiż li jipproduċi f'dak il-każ;

   (ċ) prodotti tal-laħam miksuba minn stabbiliment li jidher jew fuq il-lista mħejjija permezz ta' l-Artikolu 4 jew fuq waħda mil-listi li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 77/99/KEE;

5. għandhom josservaw il-ħtiġiet ġenerali stabbiliti bid-Direttiva 77/99/KEE, u b'mod partikolari:

   (a) iridu jkunu għaddew minn wieħed mit-trattamenti ddefiniti fl-Artikolu 2(d) tad-Direttiva 77/99/KEE;

   (b) iridu jkunu għaddew minn spezzjoni minn veterinarju uffiċjali bi qbil mal-Kapitolu IV ta' l-Anness A tad-Direttiva 77/99/KEE u, kienu ermetikament issiġġilati, bi spezzjoni skond il-ħtiġiet li jridu jiġu stabbiliti b'konformità mal-Kapitolu II ta' l-Anness B tad-Direttiva 77/99/KEE.

   Fit-twettiq ta' din l-ispezzjoni, il-veterinarju uffiċjali jista' jkun megħjun minn assistenti li jirrapportaw lilu. Dawn l-assistenti għandhom:

      (i) ikunu maħtura mill-awtorità kompetenti ċentrali tal-pajjiż li jesporta bi qbil mad-disposizzjonijiet fis-seħħ;

      (ii) ikunu rċevew taħriġ xieraq;

      (iii) ikollhom status legali li jassigura li huma indipendenti minn dawk li jieħdu ħsieb l-istabbilimenti;

      (iv) m'għandhomx poter ta' deċiżjoni dwar ir-riżultat finali ta' l-ispezzjoni;

   (ċ) fil-każ ta' tgeżwir u ppakkjar, għandhom ikunu li ġew imgeżżwra u ppakkjati bi qbil mal-Kapitolu V ta' l-Anness A tad-Direttiva 77/99/KEE;

   (d) irid ikollhom timbru tas-saħħa pubblika li jilħaq il-kondizzjonijiet ta' l-immarkar stabbiliti fil-Kapitolu VI ta' l-Anness A għad-Direttiva 77/99/KEE, apparti milli għall-inizjali u s-settijiet ta' inizjali għall-Istati Membri kif speċifikat fil-punt 39 (a), li għandhom ikunu mibdula bl-isem tal-pajjiż terz ta' l-oriġini, akkumpanjati bin-numru ta' l-awtorizzazzjoni tal-veterinarju ta' l-istabbiliment ta' l-oriġini;

   (e) għandhom ikunu ġew maħżuna u ttrasportati lejn il-Komunità permezz tal-kondizzjonijiet sodisfaċenti ta' iġjene bi qbil mal-Kapitolu VIII ta' l-Anness A tad-Direttiva 77/99/KEE u mqandla permezz ta' kondizzjonjiet sodisfaċenti ta' l-iġjene; fil-każ ta' prodotti tal-laħam li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 4 ta' dik id-Direttiva, il-produttur għandu, għall-iskopijiet ta' l-ispezzjoni, jagħmel marka viżibbli u ċara fuq il-pakkett tal-prodott tat-temperatura li fih il-prodott għandu jkun ittrasportat u maħżun u l-perjodu li fih jista' jkun maħżun f'dik il-kondizzjoni;

6. ma jridux ikunu soġġetti għal radjazzjoni jonizzanti."

5. L-Artikoli 22 sa 26 huma mibdula b'dan li ġej:

"KAPITOLU V

Il-ħtiġiet applikabbli kemm għal laħam u kemm għal prodotti tal-laħam

Artikolu 22

1. L-Istati Membri m'għandhomx jawtorizzaw laħam frisk jew prodotti tal-laħam li jiġu impurtati mingħajr preżentazzjoni ta' ċertifikat tas-saħħa ta' l-annimali u ċ-ċertifikat tas-saħħa pubblika mħejji minn veterinarju uffiċjali tal-pajjiż terz li jesporta.

Dawn iċ-ċertifikati għandhom:

(a) ikunu mħejjija f'mill-anqas f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-pajjiż tad-destinazzjoni u ta' wieħed minn dawk ta' l-Istat Membru li fih l-ispezzjoni ta' l-importazzjoni li hemm provvediment dwarha fl-Artikoli 23 u 24 tkun twettqet;

(b) jakkumpanjaw il-laħam frisk jew il-prodotti tal-laħam fl-oriġinal;

(ċ) jikkonsisti f'karta waħda;

(d) ikunu magħmula għall-kunsinnatarju wieħed.

Iċ-ċertifikat tas-saħħa ta' l-annimali għandu jiċċertifika li l-laħam frisk jew il-prodotti tal-laħam ikunu konformi mal-ħtiġiet tas-saħħa ta' l-annimali stabbiliti f'din id-Direttiva u ma dawk stabbiliti permezz tagħha f'dak li jirrigwarda l-importazzjoni tal-laħam frisk jew tal-prodotti tal-laħam mill-pajjiż terz.

2. Iċ-ċertifikat tas-saħħa għandu jikkorrispondi għall-mudell stabbilit bi qbil mal-proċedura stabbilit fl-Artikolu 29:

Jista' jkun deċiż bi qbil ma' l-istess proċedura u fuq il-bażi ta' każ b'każ li ċ-ċertifikat tas-saħħa ta' l-annimali u ċertifikat tas-saħħa pubblika jkun jikkonsisti f'karta waħda.

3. Iċ-ċertifikat tas-saħħa pubbliku għandu jkun jikkorrispondi, fil-preżentazzjoni u fil-kontenut għal-laħam frisk mal-mudell li jidher fl-Anness A u għall-prodotti tal-laħam mal-mudell li jidher fl-Anness Ċ, u jinħareġ fil-ġurnata li fiha l-laħam frisk jew il-prodotti tal-laħam jitgħabbew bil-ħsieb li jitilqu lejn il-pajjiż tad-destinazzjoni.

Artikolu 23

1. L-Istati Membri għandhom jassiguraw, li mal-wasla fit-territorju ġeografiku tal-Komunità, il-laħam frisk jew il-prodotti tal-laħam ikunu soġġetti bla dewmien għall-ispezzjoni tas-saħħa ta' l-annimali li ssir mill-awtorità kompetenti, tkun liema tkun il-proċedura li permezz tagħha jkunu ġew iddikjarati.

Ir-regoli ddettaljati meħtieġa biex jassiguraw li l-ispezzjoni li hemm referenza dwarha f'dan il-paragrafu ssir f'manjiera uniformi tkun adottata bi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 29.

2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3, l-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-importazzjoni tkun ipprojbita jekk din l-spezzjoni tiżvela li:

— il-laħam jew il-prodotti tal-laħam ma jiġux minn territorju ta' pajjiż terz, jew minn parti minnu, inkluż fil-lista mħejjija bi qbil ma' l-Artikolu 3(1),

— il-laħam jew il-prodotti tal-laħam jiġu minn territorju ta' pajjiż terz, jew minn parti minnu, li l-importazzjoni minnu tkun ipprojbita bi qbil ma' l-Artikoli 14 u 28, iżda mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 21a (2),

— iċ-ċertifikat tas-saħħa ta' l-annimali li jakkumpanja il-laħam jew il-prodotti tal-laħam ma jkunx konformi mal-kondizzjonijiet stabbiliti permezz ta' l-Artikolu 22(1) u (2).

3. l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw il-laħam frisk jew il-prodotti tal-laħam minn pajjiż terz wieħed li jiġu trasportati lejn ieħor basta li:

(a) l-parti kkonċernata tforni provi li l-ewwel pajjiż terz ta' fejn il-laħam jew il-prodotti tal-laħam ikunu sejrin, wara t-transitu matul it-territorju tal-Komunità, ikun marbut li fl-ebda ċirkostanza ma jirrifjutaw jew li jibgħat lura lejn il-Komunità l-laħam jew il-prodotti tal-laħam li l-importazzjoni jew it-transitu tagħhom tkun awtorizzat;

(b) dan it-trasport ikun ġie awtorizzat minn qabel mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu l-ispezzjoni tas-saħħa ta' l-annimali li hemm provvediment dwarha fil-paragrafu 1 tkun twettqet;

(ċ) dan it-trasport jitwettaq, mingħajr ma jinħattu l-oġġettti fit-territorju tal-Komunità, taħt is-sorveljanza ta' l-awtoritajiet kompetenti f'vetturi jew kontenituri ssiġġillati mill-awtoritajiet kompetenti; l-uniku tqandil awtorizzat waqt dan it-trasport ikun dak li jsir rispettivament fil-punt ta' dħul jew tal-ħruġ mit-territorju tal-Komunità għat-trasbord dirett minn vapur jew minn ajruplan għal xi mezz ieħor tat-trasport jew viċe versa.

4. L-ispiża kollha li ssir permezz ta' dan l-Artikolu għanda tkun a karigu ta' min jikkunsinna, il-kunsinnatarju jew ir-rappreżentant tagħhom mingħajr kumpens mill-Istat.

Artikolu 24

1. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li kull konsenja tal-laħam frisk jew tal-prodotti tal-laħam tgħaddi minn spezzjoni tas-saħħa pubblika qabel ma tkun irrilaxxata għall-konsum fit-territorju ġeografiku tal-Komunità, u li spezzjoni tas-saħħa ta' l-annimali, titwettaq minn veterinarju uffiċjali.

L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-importaturi kollha ikunu obbligati jagħtu mill-anqas avviż ta' jumejn tax-xogħol lis-servizz lokali responsabbli għall-ispezzjoni ta' l-importazzjoni fil-post ta' fejn il-laħam frisk jew il-prodotti tal-laħam għandhom ikunu ppreżentati għall-ispezzjoni, jispeċifikaw il-kwantità u n-natura tal-laħam jew tal-prodotti tal-laħam u l-ħin minn meta tkun tista' sseħħ l-ispezzjoni.

2. L-ispezzjoni tas-saħħa pubblika li hemm provvediment dwarha fil-paragrafu 1 għandha titwettaq bit-teħid ta' kampjuni bl-addoċċ fil-każ ta' l-importazzjoni koperta bl-Artikoli 17(1), 18 (1) u (2) u l-Artikoli 21a u 21b. L-skop ta' din l-spezzjoni għandu jkun b'mod partikolari biex tivverifika, bi qbil mal-paragrafu 3:

(a) iċ-ċertifikat tas-saħħa pubblika, il-konformità tal-laħam frisk jew tal-prodotti tal-laħam ma' l-istipulazzjonijiet fuq dak iċ-ċertifikat, il-marki tas-saħħa;

(b) l-istat tal-preservazzjoni, il-preżenza ta' ħmieġ jew ta' aġenti patoġeniċi;

(ċ) il-preżenza ta' residwi tas-sustanzi li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 20;

(d) jekk, fir-rigward tal-laħam frisk, il-qatla jew it-tqattigħ jew, fir-rigward tal-prodotti tal-laħam, il-produzzjoni tkunx saret fi stabbilimenti approvati għal dak l-skop;

(e) il-kondizzjonijiet tat-trasport.

3. Għandhom ikunu adottati, bi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 29, ir-regoli ta' l-implimentazzjoni meħtieġa biex jassiguraw li l-ispezzjonijiet li hemm referenza dwarhom fil-paragrafu 1 jitwettqu b'metodu uniformi, partikolarment fir-rigward ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 20, u b'mod aktar partikolari l-metodi ta' l-analiżi u l-intervalli tat-teħid tal-kampjuni u n-normi.

4. L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu l-kummerċ tal-laħam frisk jew tal-prodotti tal-laħam jekk l-ispezzjonijiet li hemm provvediment dwarhom fil-paragrafu 1 ikunu wrew li:

— l-laħam frisk jew il-prodotti tal-laħam ma jkunu addattati għall-konsum uman,

— il-kondizzjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva u l-Anness I tad-Direttiva 64/433/KEE jew l-Anness A u B tad-Direttiva 77/99/KEE ma jkunux ġew imwettqa,

— wieħed miċ-ċertifikati li hemm referenza dwaru fl-Artikolu 22 li jakkumpanja kull konsenja ma jkunx konformi mal-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

5. Jekk il-laħam frisk jew il-prodotti tal-laħam ma jistgħux jiġu impurtati għandhom ikunu mibgħuta lura, sakemm dan huwa kontra l-konsiderazzjoniet tas-saħħa ta' l-annimali jew tas-saħħa pubblika.

Jekk ikun impossibli li l-laħam jew prodotti tal-laħam jintbagħtu lura, dawn għandhom ikunu meqruda fit-territorju ta' l-Istat Membru li fih l-ispezzjonijiet ikunu seħħew.

B'deroga minn din id-disposizzjoni u jekk l-importatur jew ir-rappreżentant tiegħu hekk jitolbu, l-Istat Membru li jwettaq l-ispezzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali u tas-saħħa pubblika jistgħu jawtorizzaw id-dħul tiegħu għal użu apparti milli għall-konsum uman, sakemm ma jkunx hemm perikolu għan-nies jew għall-annimali, basta li l-laħam jew il-prodotti tal-laħam ikunu minn pajjiż terz inkluż fil-lista mħejjija bi qbil ma' l-Artikolu 3(1) u li l-importazzjoni ma tkunx ipprojbita permezz ta' l-Artikolu 28. Dan il-laħam jew il-prodotti tal-laħam ma jistgħux iħallu t-territorju ta' dak l-Istat Membru, li għandu jivverifika d-destinazzjoni finali tal-laħam jew tal-prodotti tal-laħam.

6. Fil-każi kollha, wara l-ispezzjonijiet li hemm referenza dwarhom fil-paragrafu 1, iċ-ċertifikati għandhom ikunu attestati hekk li jindikaw ċar l-użu awtorizzat għal-laħam u l-prodotti tal-laħam.

Artikolu 25

Il-laħam frisk jew il-prodotti tal-laħam ta' kull konsenja awtorizzati għaċ-ċirkolazzjoni fil-Komunità minn Stat Membru fuq il-bażi ta' l-ispezzjonijiet li hemm referenza dwarha fl-Artikolu 24(1) għandhom, meta jintbagħtu lejn il-pajjiż tad-destinazzjoni, ikunu akkumpanjati minn ċertifikat li jikkorrispondi, fil-preżentazzjoni u l-kontenut, għall-mudell muri fl-Anness B.

Dan iċ-ċertifikat għandu:

(a) ikun imħejji mill-veterinarju uffiċjali kompetenti fil-post ta' l-ispezzjoni jew fil-post tal-ħażna;

(b) jinħareġ fil-ġurnata tat-tagħbija għall-konsenja tal-laħam frisk jew tal-prodotti tal-laħam lejn il-pajjiż tad-destinazzjoni;

(ċ) jitħejja f'mill-anqas f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-pajjiż tad-destinazzjoni;

(d) jakkumpanja l-konsenja tal-laħam frisk jew tal-prodotti tal-laħam, fl-oriġinal.

Artikolu 26

L-ispiża kollha li ssir bħala riżultat ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 24 u 25, u b'mod partikolari l-ispejjeż ta' l-ispezzjoni tal-laħam frisk jew tal-prodotti tal-laħam, l-ispejjeż ta' ħażna u l-ispiża għall-qerda ta' dan il-laħam jew tal-prodotti tal-laħam ikunu għall-karigu ta' min jikkonsenja, il-kunsinnatarju jew ir-rappreżentant tagħhom mingħajr kumpens mill-Istat."

6. Il-Kapitolu IV preżenti jsir il-Kapitolu VI.

7. Fl-Artikolu 27(1) L-ewwel subparagrafu, il-punt (b) huwa mibdul b'dan li gej:

"(b) il-postijiet ta' l-ispezzjoni għall-importazzjoni tal-laħam frisk jew tal-prodotti tal-laħam."

8. L-Artikolu 28(2) huwa mibdul b'dan li ġej:

"2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 14 u l-Artikolu 21a (2), jekk tfaqqa' jew tinxtered marda infettuża jew kontaġġjuża ta' l-annimali f'pajjiż terz inkluż fil-lista mħejjija bi qbil ma' l-Artikolu 3(1) u l-marda tista' tinfirex b'laħam frisk jew bil-prodotti tal-laħam u x'aktarx tipperikola s-saħħa pubblika jew is-saħħa tal-bhejjem f'wieħed mill-Istati Membri jew għal xi raġuni oħra konnessa ma' l-annimali tiġġustifika dan, l-Istat Membru kkonċernat għandu jipprojbixxi l-importazzjoni ta' dak il-laħam jew dawk il-prodotti tal-laħam kemm jekk importati direttament jew indirettament minn pajjiż terz, jew mill-pajjiż kollu kemm hu jew minn parti mit-territorju tiegħu."

9. L-Artikolu 32a huwa mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 32a*

1. Din id-Direttiva ma tapplikax għall-importazzjoni minn pajjiżi terzi tal-laħam frisk li hemm referenza dwaru fit-tielet inċiż ta' l-Artikolu 1(1) jew tal-prodotti tal-laħam minn dak il-laħam sad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni(ijiet) tal-Kummissjoni adottati, bi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 29, għal skop li tagħmel aġġustamenti meħtieġa għal-lista li hemm referenza dwarha fl-Artikolu 3.

2. Il-liġijiet nazzjonali dwar saħħa pubblika għandhom jibqgħu japplikaw għall-importazzjoni tal-laħam frisk jew tal-prodotti tal-laħam, li hemm referenza dwarhom fil-paragrafu 1, minn pajjiżi terzi sad-dħul fis-seħħ tar-regoli tal-Komunità dwar dan is-suġġett."

10. L-Anness B huwa mibdul bl-Anness inkluż hawnhekk.

11. L-Anness Ċ huwa mibdul bl-Anness inkluż hawnhekk.

Artikolu 2

Sakemm isseħħ l-adozzjoni ta' l-armonizzazzjoni tar-regoli dwar is-saħħa ta' l-annimali applikabbli għal-laħam frisk tat-tjur u tal-kaċċa, l-importazzjoni ta' prodotti tat-tjur u prodotti tal-kaċċa għandhom jibqgħu jkunu koperti bir-regoli nazzjonali eżistenti, soġġetti għad-disposizzjonijiet ġenerali tat-Trattat.

Artikolu 3

L-Artikolu 17(1) tad-Direttiva 77/99/KEE huwa mibdul b'dan li ġej:

"1. Sakemm isseħħ l-implimentazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Komunità dwar l-importazzjoni tal-prodotti mil-laħam tat-tjur minn pajjiżi terzi, l-Istati Membri għandhom japplikaw għal din l-importazzjoni d-disposizzjonijiet li ma jkunux aktar favorevoli minn dawk li jirregolaw kummerċ intra-Komunitarju."

Artikolu 4

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva mhux aktar tard mit-30 Ġunju 1990.

Għandhom jinfurmaw minnufih lill-Kummissjoni b'dan.

Artikolu 5

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fil-21 ta' Marzu 1989.

Għall-Kunsill

Il-President

C. ROMERO HERRERA

ANNESS

"ANNESS B

KAMPJUN

ĊERTIFIKAT TA' L-ISPEZZJONI TA' L-IMPORTAZZJONI GĦAL-LAĦAM FRISK/PRODOTTI TAL-LAĦAM (1) IMPURTATI MINN PAJJIŻI TERZI

L-Istat Membru li fih l-ispezzjoni ta' l-importazzjoni kienet ġiet imwettqa: .....

Il-post ta' l-ispezzjoni: .....

It-tip tal-laħam/prodotti tal-laħam (1): .....

L-ippakkeġġjar: .....

In-numru tal-karkassi (2): .....

In-numru tan-nofs-karkassi (2): .....

In-numru tal-kwartijiet (2) jew tal-pakketti: .....

Il-piż nett: .....

Il-pajjiż terz ta' l-oriġini: .....

Fil-każ tal-prodotti tal-laħam:

Il-prodotti importati permezz ta' l-Artikolu 14/l-Artikolu 21 a (2) (1) tad-Direttiva 72/462/KEE: .....

.....

Jiena, li hawn taħt iffirmat, veterinarju uffiċjali, niċċertifika li l-laħam/il-prodotti tal-laħam (1) deskritti fiċ-ċertifikat preżenti kien/kienu ġew ispezzjonati fil-ħin tad-dispaċċ tal-konsenja.

....

(Post u data) (veterinarju uffiċjali)

---

(1) Ħassar kif xieraq.
(2) Għal-laħam frisk biss.'

"ANNESS Ċ

KAMPJUN

ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA PUBBLIKA

Għal prodotti tal-laħam (1) intiżi għal

.....

(Isem ta' l-Istat Membru tal-KEE)

Nru: ..... (2)

Pajjiż esportatur: .....

Ministeru: .....

Dipartiment: .....

Ref: .....

(Mhux obbligatorju)

I. **Identifikazzjoni ta' prodotti tal-laħam**

Prodotti tal-laħam ta': .....

(Speċi ta' l-annimali)

Natura tal-biċċiet: .....

Natura ta' l-ippakkjar: .....

Numru ta' biċċiet ta' pakketti: .....

Ħażna meħtieġa u temperatura tat-trasport (3): .....

Perjodu tal-ħażna (3): .....

Piż nett: .....

II **Oriġini ta' prodotti tal-Laħam**

Indirizz(i) u numru(i) ta' approvazzjoni ta' l-istabbiliment(i) approvati: .....

.....

.....

III. **Destinazzjoni ta' prodotti tal-laħam**

Il-prodotti tal-laħam jintbagħtu minn: .....

(Post tat-tagħbija)

lejn: .....

(Pajjiż u post tad-destinazzjoni)

bil-mezz ta' trasport li ġej (4): .....

Isem u indirizz tal-kunsinnatarju: .....

.....

Isem u indirizz tad-destinatarju: .....

.....

IV. **Ċertifikat tas-saħħa**

Jiena, is-sottoskritt, veterinarju uffiċjali, niċċertifika li:

(a) — il-prodotti tal-laħam deskritti fuq,

it-tikketta mwaħħla mal-laħam ippakkjat deskritt fuq, għandhom marka li tfisser li l-prodotti tal-laħam ġew kompletament minn laħam frisk minn annimali maqtula f'biċċeriji approvati għall-esportazzjoni għall-pajjiż tad-destinazzjoni jew, meta l-Artikolu 21a (2) tad-Direttiva 72/462/KEE huwa applikat, minn annimali maqtula f'biċċerija speċjalment għall-kunsinna ta' laħam għat-trattament stabbilit fil-paragrafu msemmi (5);

(b) il-prodotti tal-laħam tqiesu bħala tajbin għall-konsum uman wara spezzjoni veterinarja mwettqa skond il-ħtiġiet tad-Direttiva 72/462/KEE;

(c) il-prodotti tal-laħam kienu ottenuti minn laħam tal-majjal li kien/ma kienx soġġett għal eżami għal triknosi u fil-każ ta' l-aħħar għadda minn trattament bil-kiesaħ (5);

(d) il-mezz ta' trasport u l-kondizzjonijiet ta' tagħbija ta' prodotti tal-laħam ta' din il-kunsinna jissodisfaw il-ħtiġiet ta' l-iġjene stabbiliti fir-rigward ta' esportazzjoni lejn il-pajjiż ta' destinazzjoni;

(e) il-prodotti tal-laħam ġew ottenuti minn laħam li jissodisfa l-ħtieġa tal-Kapitolu III ta' din id-Direttiva u dawk ta' l-Artikolu 3 mad-Direttiva 77/99/KEE kienu ottenuti taħt id-deroga prevista fl-Artikolu 21a (2) tad-Direttiva 72/462/KEE.

Maghmul fi: ....., f' .....

.....

(Firma tal-veterinarju uffiċjali)

(1) Il-prodotti tal-laħam fil-qofol ta' dak li tfisser id-Direttiva 77/99/KEE.
(2) Mhux obbligatorju.
(3) Għandu jkun mimli fejn indikat bi qbil ma' l-Artikolu 4 tad-Direttiva 77/99/KEE.
(4) Għall-vaguni tal-ferrovija jew vetturi tal-merkanzija, għandu jingħata n-numru tar-reġistrazzjoni, għall-ajruplani, in-numru tat-titjira, u għall-vapuri l-isem.
(5) Ħassar kif xieraq."